# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 512/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**Otis Aquilina**

Illum, 24 ta' Ottubru, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Otis Aquilina, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 450980M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Ikkommetta serq ta' arlogg ta' l-idejn tal-marka 'Omega', telefon cellulari tal-marka 'Samsung Galaxy S4', cekk bil-valur ta' €3,500, kartiera bid-dokumenti u diversi oggetti ohra ghad-dannu ta' Joseph Degiovanni, Carmel Galea u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centenzu

(€2,329.37) u bil-persuna u dan bi ksur tal-Artikolu 267 u 268 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Novembru, 2016 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal tnejn u tletin xahar (32) prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Novembru, 2016, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn l-appellant instab hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, **tirrevokaha** fejn l-appellant instab hati tat-tieni akkuza u **tirrevokaha** wkoll fejn ikkundannatu ghall-piena ta' 32 xahar prigunerija u **minflok** tipprovdi ghall-piena aktar mita u idoneja mhux ta' karcerazzjoni effettiva skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata sia kwantu d-decizzjoni tal-ewwel Qorti dwar l-addebitu tar-recidiva kif ukoll dwar il-piena erogata. Qabel xejn izda, din il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar xi aspetti fir-rikors tal-appell. Kwantu l-esposizzjoni tal-fatti, mill-atti ma jirrizultax dak allegat mill-appellant, igifieri li hu ghamel dak li ghamel ghaliex kien ghad fadallu ihallas dejn kawza ta' self b'uzura. Haga din mhux biss li qatt ma ssemmiet fil-process, lanqas mir-rapport tal-Ufficcjal tal-Probation ordnat minn din il-Qorti u frankament ma tistax din il-Qorti timmagina kif qatt tista' tiggustifika r-raguni ghaliex l-appellant wasal biex iwettaq din is-serqa;

2. L-appellant huwa zbaljat ukoll meta fl-ewwel aggravju tieghu kritika l-operat tal-ewwel Qorti li skond hu, kellha taccerta ruhha mill-fatti li jkunu ngiebu quddiemha. Izid jghid l-appellant: "*Illi l-ewwel Qorti naqset, senjatament, li tibbilancja l-hazin li ghamel l-appellant mal-istat emozzjonali li kien ghaddej minnu u cioe li ried ifittex ihallas l-ahhar ftit dejn li kien fadallu*". Dan huwa zbaljat fuq diversi livelli, anzi huwa skonsiljat u ma jimmeritax konsiderazzjoni minn din il-Qorti. Wara kollox, huwa l-appellant stess li jitlob konferma ta' sejbien ta' htija fit-talbiet tieghu. Naturalment l-appellant ma jahti xejn dwar dan u bl-ebda mod mhu ser ikun ta' motivazzjoni ghad-determinazzjoni ta' dan l-appell;

3. Ventilat dan bit-tama li ma jkunx hemm prattici simili fil-futur, irid jinghad ukoll illi fil-mori tal-appell l-appellant kien diversament patrocinat u fil-fatt ma saret ebda referenza ghal dawn

l-aggravji appena msemmija. Fis-sottomisjonijiet tieghu l-abbli difensur naqas milli jindirizza it-tieni aggravju dwar l-addebitu tar-recidiva. Ma jistghax izda, jitqies li kien hemm xi rinunzja dwar dan u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha in rigward;

4. Meta l-appellant allura imputat, tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja kien irregistra ammissjoni sia ghar-reat ta' serq akkumpanjat bl-aggravju tal-valur u tal-persuna kif ukoll ghall-addebitu ta' recidiva. Fit-tieni aggravju iressaq l-argument illi ma saritx il-prova tal-"akkuza" [*recte*: addebitu] tar-recediva. Issa fl-ewwel lok *("Recidiva mhix rejat imma addebitu li permezz tieghu persuna tigi punita ghall-fatt gdid b'mod aktar sever u differenti minn persuna li tkun ...* " **Il-Pulizija vs Angelo Tanti** App Krim 30.11.11). Inoltre mhux korrett l-appellant ghaliex kien hemm l-ammissjoni inkondizzjonata u l-ewwel Qorti kellha quddiemha l-fedina penali tal-imputat esebita mill-prosekuzzjoni minn fejn jidher car illi kien recidiv fit-termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. Fit-tielet gravam, l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata bhala wahda eccessiva u mhux idonea. Din il-Qorti, minghajr hsara ghal konsiderazzjonijiet li ser isegwu, ma taqbel xejn ma' dan ghaliex kif kominata, l-piena kienet kwazi fil-minimu taghha tenut li l-massimu hu ta' seba' snin u possibilment awmentabbli bi grad jew tnejn bl-addebitu;

6. Tajjeb li *in primis* ikun affermat illi muhiex normali li din il-Qorti, *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din ma tkunx fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra

li kellha tkun anqas minn dik li tkun fil-fatt erogata, principju dan illum assodat fis-sentenzi tal-Qrati taghna (ara fost skorta ta' sentenzi in rigward: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et. 2.10.2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano 13.11.2003; Ir-Repubbblika ta' Malta vs David Vella 14.6.1999 u r-Repubbblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina 24.4.2003 kif citati fis-sentenza ricenti Ir-Repubbblika ta' Malta vs *ommisis* u Noel Frendo 3.12.2015);

7. Osservat dan, irid jinghad ukoll illi fejn jimmerita, dawn il-Qrati kkontemplaw u applikaw ukoll principji li jaghmlu parti mis-sisien tal-gustizzja riparatrici fosthom l-hekk imsejha *window of opportunity*. (ara per ezemplari s-sentenza Il-Pulizija vs Nathalie Felice App Krim 4.12.2014 u Il-Pulizija vs Simon Camilleri 10.3.16). Naturalment l-ewwel Qorti ma rrikorrietx ghal tali mizuri ghaliex ma kienitx mitluba taghmel hekk. Fil-mori tal-appell, izda l-imputat talab li jithejja *Social Enquiry Report* fil-konfront tieghu. Dan ir-rapport sar u din l-Qorti semghet ukoll xhieda professjonisti jigifieri, ufficcjal tal-probation, social worker u psikologa;

8. Minn dak li semghet din il-Qorti jidher li l-appellant qed jaghmel sforzi kbar biex jirriabilita ruhu, haga din korroborata mill-fatt illi mill-kommissjoni ta' dan ir-reat ma ghandu ebda proceduri ohra pendenti kontra tieghu u precedenti ghal dan l-fedina penali tieghu turi kundanna dwar pussess ta' droga lura fis-sena 2004 u ohra fl-2011 dwar theddid versu ufficcjali tal-Pulizija. Rat ukoll illi l-appellant huwa llum stabilit b'xoghol fiss anke jekk waqt il-kumpilazzjoni tas-social enquiry report kien hemm mumenti fejn zvija xi ftit pero' minn dakinhar jidher li qed jimpenja ruhu sew fil-process ta' riabilitazzjoni. Hadet ukoll kont ta' dak li ddikjara l-vittma ta' din is-serqa li ghaliex iqis l-kapitolu maghluq u gia hemm pjan ta' kura ghall-imputat li qieghed in vigore;

9. Minn dak li rat il-Qorti jidher li l-appellant huwa kandidat tajjeb biex jibbenefika minn riforma fil-piena erogata u dan qed jinghad ukoll sabiex ikun sodisfatt il-vot tal-ligi senjatament il-proviso tal-artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446;

10. Il-Qorti staqsiet lill-imputat jekk hux dispost li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal perjdou li jidhrilha l-Qorti skond il-ligi u wiegeb fl-affermattiv;

11. Ghalhekk tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad it-talba tal-appellant biex tkun revokata dik il-parti tas-sentenza dwar ir-recidiva, tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza b'dan illi tikkonfermha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet htija fl-ewwel imputazzjoni u fl-addebitu tar-recidiva, tirrevokaha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnejn u tletin xahar u minflok tqieghdu taht Ordni ta' Probation ghal-terminu ta' tlett snin fit-termini tal-artikolu 7 tal-Kaptiolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

12. Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-appellant, l-obbligi tieghu bl-Ordni ta' Probation imposta fuqu.